32004D0019

24.12.2004 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 379/107

# ID-DEĊIŻJONI TAL-BANK CENTRALI EWROPEW

## ta' l-14 ta' Diċembru, 2004,

## dwar l-approvazzjoni tal-volum ta' ħruġ ta' muniti fl-2005

## (BĊE/2004/19)

(2004/899/KE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunita` Ewropeja, partikolarment l-Artikolu 106 (2),

Billi:

(1) Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandu d-dritt esklussiv mill-1 ta' Jannar, 1999, biex japprova l-volum ta' muniti li joħorġu l-Istati Membri li adottaw il-euro (l-Istati Membri parteċipanti).

(2) L-Istati Membri parteċipanti ppreżentaw lill-BĊE għall-approvazzjoni tiegħu, kemm jistmaw li għandu jkun il-volum ta' muniti euro li se joħorġu fl-2005, flimkien ma' noti ta' spjega dwar il-metodoloġija tat-tbassir,

IDDEĊIEDA:

*Artikolu 1*

**L-approvazzjoni tal-volum ta' muniti euro li se jinħarġu fl-2005**

Il-BĊE japprova l-volum ta' muniti li l-iStati Membri parteċipanti se joħorġu fl-2005 kif deskritt fit-tabella li ġejja:

(miljuni f'EUR)

| | Il-ħruġ ta' muniti ddestinati għaċ-ċirkolazzjoni u l-ħruġ ta' muniti għall-kolletturi (mhux iddestinati għaċ-ċirkolazzjoni) fl-2005 |
|---|---|
| Il-Belġju | 178,5 |
| Il-Ġermanja | 680,0 |
| Il-Greċja | 108,8 |
| Spanja | 642,0 |
| Franza | 468,5 |
| L-Irlanda | 131,0 |
| L-Italja | 675,0 |
| Il-Lussemburgu | 65,0 |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 175,0 |
| L-Awstrija | 185,0 |
| Il-Portugall | 170,0 |
| Il-Finlandja | 60,0 |

*Artikolu 2*

**Dispożizzjoni Finali**

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-iStati Membri parteċipanti.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fl-14 ta' Diċembru, 2004.

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET